MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1188/2000/1

**Salvatore Sammut**

**vs**

**Middle Sea Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni ppresentata fid-9 ta’ Gunju, 2000 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-attur ippremetta illi huwa proprjetarju tal-vettura tal-marka Lancia bin-numru ta’ registrazzjoni KAS 546; illi din il-vettura kienet assigurata mas-socjeta` konvenuta; illi fl-1999 din il-vettura nsterqet minn gewwa Paceville, San Giljan; illi s-socjeta` konvenuta qeghda tirrifjuta li tonora l-*claim* li ghamel l-attur; u ghalhekk talab li dik il-Qorti:-
1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, bhala hlas dovut lill-attur skond il-polizza ta’ assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta favur l-attur fir-rigward tal-vettura tal-marka Lancia bin-numru ta’ registrazzjoni KAS-546.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Marzu 2000, kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

B’nota ppresentata fl-20 ta’ Ottubru, 2000 is-socjeta` konvenuta eccepiet illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni, is-socjeta` konvenuta hija ezonerata milli thallas lill-attur minhabba *non-disclosure* ta’ fatti materjali.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza preliminari tad-29 ta’ Jannar, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li kkonkludiet li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw li huma gew ezonerati milli jhallsu lill-attur minhabba *non-disclosure* kompliet billi laqghat it-talba attrici u iddikjarat li l-konvenuti ghandhom jonoraw il-*claim* li kien ghamel l-attur. Dik il-Qorti ghalhekk iddifferiet il-kawza ghan-nomina ta’ perit tekniku biex jillikwida l-valur tal-karozza Lancia Y10 KAS 546 ghas-7 ta’ Marzu (ta’ l-istess sena) fid-9.15 a.m. Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u osservazzjonijiet:-
“*Il-konvenuti qed jissottomettu li meta mtliet il-proposal form u lill-attur saritlu d-domanda numru 20 cjoe` jekk kellux claims qabel, l-attur wiegeb fin-negattiv, mentri mill-*

*investigazzjonijiet li ghamlu, wara li saret claim minn huh, irrizulta li bejn l-attur u huh, kienu ghamlu sitt claims ma' Gasan Insurance li jlahhqu ghal eluf ta' liri. Ghalhekk il-konvenuti qed jikkontendu li kieku l-attur qalilhom il-verita`, cjoe` li hu kellu claims qabel, huma ma kienux jinxurjawh. Ghalhekk qed jirrifjutaw li jhallsuh.*

*L-attur qed isostni li meta saritlu d-domanda numru 20 l-iskrivan kien staqsieh jekk kellux incidenti dan l-ahhar hu u (sic) wiegbu 'le'. L-iskrivan ma kien semma l-ebda perjodu ta' snin.*

*Meta qieset il-provi, l-Qorti ma teskludiex li fil-fatt ma saritx referenza ghal snin mill-iskrivan, u dana billi s-snin jissemmew fil-proposal form li qeda bl-ingliz mentri l-mistoqsijiet saru bil-Malti u jista' jkun li l-iskrivan ma semmiex is-snin u qallu biss "dan l-ahhar". L-attur kellu claims sentejn u erba' snin qabel.*

*Izda dan ma jfissirx li l-attur ma kienx obbligat li jinfurma lill-assikurazzjoni bi claims ohra li hu kellu precedentement anke jekk ma kienux strettament "dan l-ahhar".*

*Il-principju hu li "the potential parties to an insurance contract are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material..."* (Modern Insurance Law, John Birds). *Fl-istess sens hu obbligu ta' l-attur li sua sponte u volontarjament ipoggi l-informazzjoni kollha ghad-disposizzjoni tas-socjeta` konvenuta li hadet l-inkarigu li timla' l-proposal form u dana rrispettivament minn jekk hu kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta` li jaghmel hekk.* (App. Briffa vs Camilleri 9 ta' Frar 2001).

*L-attur ghalhekk kien obbligat li jghaddi dina l-informazzjoni lill-assikurazzjoni biex dawna jaraw jekk jaccettawx jew le l-polza. David Borg Saydon xehed li billi dana l-kaz kien clear, hu nxurjah. Imbaghad zied ighid: "*Jekk persuna jkollha claim jiddipendi kemm ikollha claims biex nara jekk naccettahiex jiena jew inkellha niehu parir" *(fol 33). Richard Vella General Manager tal Melita*

*Insurance, xehed li kieku kien jaf bil-claims li jidhru a fol 50 ma kienx jaccetta.*

*Dan ifisser li l-fatt li wiehed ikollu claims qabel ma jfissirx li hu ser jigi awtomatikament eskluz mill(i) johrog assikurazzjoni. Is-socjeta` assikuratrici trid taghmel evalwazzjoni tar-riskju u tara jekk taccettahx skond ic-cirkostanzi li tkun taf bihom.*

*Jigifieri li kieku l-attur qal x'claims kellu qabel, l-assikurazzjoni ma kinitx ser (t)irrifjuta li tassikurah awtomatikament imma riedet tahsibha – ghalkemm issa ex post facto, Richard Vella qal li zgur ma kienx jaccetta.*
*Issa skond id-dokument a fol 20 PF2 jirrizulta li l-attur kellu tlett claims qabel, fin 1992, u fin-1994 mentri l-polza mtliet f(l)'ahhar ta' Dicembru 1996.*

*F'kazijiet bhal dawn il-prova tan-non-disclosure trid issir mill-assikurazzjoni konvenuta.* The burden of proving non-disclosure or misrepresentation is on the insurers: Joel v Law Union*.*

*Inoltre "*the doctrine of duty disclosure in insurance must not be rigid, inflexible and out of date. This doctrine and the expression "uberrimae fidei" must not be indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims." *(Semin Park – The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law (1996) p.68 kwotat fil-kaz App Briffa vs Camilleri 9 ta' Frar 2001.)*

*Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li ma giex pruvat sodisfacentement li kieku l-konvenuti kienu jafu bil-claims li kellu l-attur, huma awtomatikament kienu ser jirrifjutaw il-proposal tieghu. Inoltre c-cirkostanzi tal-claim li ghamel l-attur mhumiex tali li jinducu lill-Qorti biex tikkonkludi li l-attur f'dan il-kaz ried iqarraq. Dan jirrizulta mis-segwenti konsiderazzjonijiet.*

*Dwar il-kwistjoni tal-claim li l-attur kellu dak inhar li ghamel assikurazzjoni, l-attur gab prova, u ma gie(t)x kontradetta, li l-incident gara wara li saret l-assikurazzjoni u hu ma kienx involut bil-karozza li kien assikura dakinhar izda*

*b'karozza ohra ta' huh. Dana l-incident ma kellu x'jaqsam xejn mal-fatt tal-assikurazzjoni li kien ghadu kemm hareg l-attur.*

*Il-polza harget fit-30 ta' Dicembru, 1996 u l-karozza insterqet fit-18 ta' Lulju, 1999 cjoe` sentejn u nofs wara li giet inxurjata. Inoltre l-attur lanqas biss kien Malta meta insterqet izda kien barra fuq xoghol u l-karozza kienet f'idejn hutu l-ohra u mhux hu. F'dawn is-sentejn u nofs il-konvenuti ma ghamlu ebda investigazzjoni fuq l-attur u kull sena rrinovaw l-polza tieghu. Kien biss wara l-claim li saret l-investigazzjoni.*

*Il-claims li kellu precedentement l-attur kienu dwar hbit, mentri dana l-kaz kien wiehed ta' serq ta' karozza.*

*Fl-ahharnett jigi rilevat li ghalkemm il-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu lill-attur il-valur tal-karozza misruqa, huma ma kkancellawx il-polza u lanqas ma rritornaw il-flus tal-premium li kien hallas l-attur."*

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza in parte, u appellat.

Fir-rikors ta' l-appell is-socjeta` konvenuta talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li tilqa` l-eccezzjonijiet (proprjament, l-eccezzjoni) taghha u allura tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Fir-risposta tieghu l-attur appellat issottometta li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

Minn qari tar-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti huwa fis-sens li huma ma jaqblux mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti u cioe` li s-socjeta` konvenuta ghandha tonora l-claim li kien ghamel l-attur <u>u dana stante illi l-attur naqas milli jiddikjara fatti materjali.</u> Fir-rikors ta' l-appell taghha s-socjeta` konvenuta, ghamlet

referenza estensiva ghall-provi processwali biex turi li effettivament kien hemm “non disclosure of a material fact” da parti ta’ l-attur u li konsegwentement hija ma kinitx tenuta tonora l-obbligi taghha taht il- polza ta’ assikurazzjoni kuntrarjament ghal dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti.

Fir-risposta tieghu l-attur appellat issottometta li:-
a) Il-polza ta’ assikurazzjoni kienet u ghadha *in vigore.*
b) Li kuntratt ma jistax jigi impunjat *per via di eccezione.*
*c)* Li *claims* precedenti, kif irriteniet l-ewwel Qorti, ma kienux *sine qua non* ghar-rifjut tal-hrug ta’ polza ta’ assikurazzjoni.
*d)* Ma kien hemm ebda mala fede da parti tieghu fl-applikazzjoni ghall-hrug tal-polza ta’ assikurazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

Fit-30 ta’ Dicembru, 1996 l-attur appellat mar l-ufficcji tas-socjeta` konvenuta biex jottjeni kopertura assikurativa ghall-vettura tieghu Lancia numru KAS-546 ghar-riskji kontra danni kagunati lill-terzi persuni kif ukoll kontra ir-riskju tas-serq u hruq ta’ l-istess vettura assikurata. Hemm gie mitlub jiffirma “*proposal form*” li inqrat jew giet tradotta lilu mill-impjegat tas-socjeta` u tnizzlu fiha r-risposti li huwa ta ghad-domandi li gew maghmulha lilu a bazi ta’ l-istess formula. F’dik l-okkazzjoni, fost risposti li ta’ l-attur appellat, jidher li ghall-mistoqsija numru 20 “*Have any accidents or losses (whether covered by insurance or not) occured during the past four years in connection with any motor vehicle owned, driven or used by you?”* huwa rrisponda fin-negattiv. Din l-applikazzjoni giet ipprocessata mis-socjeta` konvenuta u sussegwentement approvata mir-rappresentant taghha u ghalhekk inharget il-polza ta’ assikurazzjoni rikjesta.

Fil-21 ta’ Lulju, 1999, u cioe` cirka sentejn u nofs wara li nharget il-polza ta’ assikurazzjoni, l-attur irraporta lis-socjeta` konvenuta li fit-3.30 a.m. tat-18 ta’ Lulju, il-vettura in kwistjoni kienet insterqet minn fejn il-venda ta’ Paceville, waqt li din kienet fil-pussess ta’ huh Salvatore

Sammut. Hu rraporta wkoll li kien sar ir-rapport ta' l-akkadut lill-pulizija. F'dik l-okkazjoni ghalhekk imtliet l-'*claim form*' appozita, liema '*claim form*' giet iffirmata kemm mill-attur, kif ukoll minn huh, l-imsemmi Salvatore Sammut.

Fil-parti konkluziva tal-'*claim form*' (liema '*claim form*' hija redatta sew bil-lingwa ingliza kif ukoll bil-lingwa maltija) u cioe` immedjatament qabel l-ispazju fejn jinghataw il-firem ta' l-assikurat jew tad-driver, skond il-kaz, (fil-kaz in ezami hemm il-firem tat-tnejn), hemm dikjarat hekk "*I/We declare that all the answers given and statements made are true and correct. In compliance with the policy conditions ....*" Inoltre il-paragrafu precedenti intestat "**Important note**" jippuntwalizza, fost affarijiet ohra, li "*Insurers, their Agents and Insurance Associations share information with each other to prevent fraudulent claims and for underwriting purposes. In the event of a claim, some or all of the information you supply on this form and the proposal form together with other information relating to the claim may be provided to other insurers, their Agents and Insurance Associations.*"

Bhal ma jigri regolarment fil-kamp assikurattiv, qabel ma giet accettata l-'*claim*' ta' l-attur is-socjeta` konvenuta uzufruwit mid-dritt taghha li tinvestiga jekk l-assikurat kienx b'xi mod tqarraq biha u f'kaz affermattiv, tichad it-talba tieghu ghall-kumpens. Dan ghamlitu tramite in-"*network*" li jezisti bejn id-diversi socjetajiet li jahdmu f'dan il-kamp u l-ko-operazzjoni li hemm bejniethom in materja ta' "*claims checks*".

Mill-investigazzjoni msemmija irrizulta li f'perjodu ta' erba' snin qabel ma mtliet il-"*proposal form*" fuq imsemmija u nharget l-polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura KAS-546, l-assikurat kien ghamel diversi claims ma' socjetajiet ta' assikurazzjoni. Kien ghalhekk li s-socjeta` appellanti sostniet li meta l-attur irrisponda fin-negattiv ghall-kwezit "*Have any accidents or losses (whether covered by insurance or not) occured during the past four years in connection with any motor vehicle owned, driven or used by you?*" huwa kien "*in breach*" tal-garanzija li kien ta fl-

okkazzjoni tal-iffirmar tal-istess "*proposal form*" fejn huwa espressament dikjarat li "*I/We* <u>*warrant*</u> *(sottolinear tal-Qorti) that the above statements .....are true and complete and that* <u>*nothing materially effecting the risk*</u> *(enfazi tal-Qorti) has been concealed by Me/Us*." Huwa rilevanti wkoll li fl-imsemmija dikjarazzjoni l-proponent jaccetta li l-"*proposal shall be incorporated in and taken as the basis of the proposed contract between Me/Us and the Company.*"

Mhux hekk biss, izda rrizulta lis-socjeta` konvenuta li l-istess Raymond Sammut, li kellu l-pussess tal-vettura meta nsterqet, kien ukoll ghamel *claims* ma' assikurazzjonijiet. Din il-persuna, ghalhekk, skond is-socjeta` konvenuta, kienet iddikkjara l-falz meta ma zvelatx dan il-fatt b'risposta ghall-mistoqsija numru 13 fir-"Rapport ta' Accident" li gie wkoll iffirmat minnu.

**Ikkunsidrat:**

Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjeta` assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li dan jsofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjeta` assikuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici. In kwantu polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt jehtieg li jigu sodisfati r-rekwiziti generali tal-kuntratti u cioe` li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l-kunsens taghhom. Inoltre l-oggetti tal-kuntratt jrid jkun determinat u lecitu.

Kif inghad hawn fuq bil-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni s-socjeta` assikuratrici tassumi l-obbligu li tindenizza lill-assikurat taghha ghall-event futur dannuz. Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddipendi minn grajja ta' bla hsieb li ma

tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art. 1053 (I), Kodici Civili). Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab l-hrug tal-polza. Dana billi b'dak il-mod biss is-socjeta` assikuratrici tista' issir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex tghazel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabilixxi "*premium*" adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' *uberrima fides* hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni billi, kif gie ritenut minn Lord Scrutton fil-kaz "Greenhill v Federal Insurance Co. (1927): "*Now insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that this position be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he is not taken as knowing, so that the contract may be entered into on an equal footing.*" Infatti kif gie ritenut fil-kaz "Pickersgill v London & Prov. Marine" (1912): "*The duty to make a full disclosure proceeds from an implied term in the contract* <u>*precedent*</u> *to the insurers liability.*" Relevanti ghal dan huwa dak li jinghad fis-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddefinixxi l-kelma "material" bhala haga "*of such a nature as to influence the judgement of a prudent insurer in determining whether he will take the risk, and, if so, at what premium and on what conditions".*

**Ikkunsidrat:**

Dan premess din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fejn gie deciz li tintlaqa' t-talba attrici u b'hekk is-socjeta` konvenuta ghandha tonora l-claim li kien ghamel l-attur. Infatti gie stabbilit minghajr ebda dubbju li l-attur naqas li jaghti l-informazzjoni rikjesta fil-*proposal form* relativament ghal '*claims*' ohra li seta' kellu qabel ma applika ghall-hrug tal-polza in kwistjoni. B'dan il-mod l-istess attur mhux biss kien "*in breach*" tal-"*policy conditions*" izda certament huwa responsabbli ta' qerq. Dan il-fatt fih innifsu jintitola

lill-assikurazzjoni li ma tonorax l-obbligi taghha assunti fil-polza ta’ assikurazzjoni.

Il-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-mod kif saritlu d-domanda ghall-mistoqsija numru 20 fil-*proposal form* huma ghal kollox irrilevanti billi, kif intqal fis-sentenza appellata “*Il-principju hu li ‘the potential parties to an insurance contract are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material ....*(Modern Insurance Law, John Birds). *Fl-istess sens hu obbligu ta’ l-attur li sua sponte u volontarjament ipoggi l-informazzjoni kollha ghad-disposizzjoni tas-socjeta` konvenuta li hadet l-inkarigu li timla’ l-proposal form u dana rrispettivament minn jekk hu kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta` li jaghmel hekk*. (enfazi ta’ din il-Qorti) (App. Briffa vs Camilleri 9 ta’ Frar 2001).” L-ewwel Qorti tkompli tghid hekk “*L-attur ghalhekk kien obbligat li jghaddi dina l-informazzjoni lill-assikurazzjoni biex dawna jaraw jekk jaccettawx jew le l-polza.*”

Wara li stabbilit dan, l-ewwel Qorti ghamlet xi konsiderazzjoni dwar x’seta’ sar jew x’seta’ ma sarx mill-assikurazzjoni kieku kienet taf bil-claims precedenti (liema konsiderazzjonijiet huma bazati fuq mera spekulazzjoni.) U dik il-Qorti waslet biex tikkonkludi li “*ma giex pruvat sodisfacentement li kieku l-konvenuti kienu jafu bil-claims li kellu l-attur, huma awtomatikament kienu ser jirrifjutaw il-proposal tieghu*.” Din il-konkluzzjoni, apparti li hi rrelevanti, hija ukoll zbaljata billi hawn il-kwistjoni hija jekk l-attur kienx responsabbli ta’ “*non disclosure*”, fatt dan li rrizulta ampjament mill-provi, u liema fatt jaghti d-dritt lill-assikurazzjoni li ma tonorax l-obbligi assunti minnha bil-polza ta’ assikurazzjoni. Isegwi li huwa rrelevanti jekk l-assikurazzjoni kienet jew ma kinitx taccetta li tohrog il-polza u dan billi fl-ewwel ipotezi l-assikurazzjoni kienet tkun obbligata li thallas in kwantu tkun assumiet ir-riskju bil-konoxxenza tal-fatti kollha, u fit-tieni ipotezi din il-kawza qatt ma setghet issir billi ma kienx jkun hemm polza mahruga mis-socjeta` konvenuta.

Lanqas ma jaghmel sens dak li qalet l-ewwel Qorti li l-prova “*tan-non disclosure trid issir mill-assikurazzjoni*

*konvenuta*” u dana billi din il-prova saret bl-aktar mod sodisfacjenti.

Daqstant mhux konvincenti l-argument ta’ l-ewwel Qorti in sostenn tac-cahda tal-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cioe` li din ghall-sentejn u nofs shah ma ghamlitx l-investigazzjonijiet fuq l-attur u li, fit-tieni lok, ghalkemm din is-socjeta` qed tirrifjuta li thallas ghadha ma kkancellatx l-polza. Fir-rigward ta’ l-ewwel punt jinghad biss li n-nuqqas ta’ investigazzjonijiet ma jnaqqas xejn mill-oneru tal-attur li, fil-mument li mela l-proposal form, jghati l-informazzjoni kollha mehtiega. Mill-banda l-ohra l-assikurazzjoni hija gustifikata li toqghod fuq dak li jigi dikjarat lilha fil-proposal form in kwantu l-assikurat jaghti garanzija li dak li qal huwa l-verita`. Fir-rigward tat-tieni argument ta’ l-ewwel Qorti jigi rilevat li hawn mhux si tratta ta’ claim ta’ terzi persuni kif kontemplat fil-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn l-istess Ordinanza timponi terminu fuq l-assikurazzjoni biex tistiwtixxi proceduri biex tannulla l-kuntratt u ma thallasx lit-terz, izda hawn l-assikurazzjoni qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt taghha li ma tonorax l-obbligi assunti vis-a-vis l-assikurat taghha nnifsu stante li dan kiser il-kondizzjonijiet ghall-hrug ta’ l-istess polza. F’dan is-sens is-sottomissjonijiet fir-risposta ta’ l-attur appellat dwar il-fatt li l-polza ghadha in vigore u dwar rexxissjoni ta’ kuntratti huma irrilevanti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milqugh, is-sentenza appellata qed tigi revokata u minflok l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta qed tigi akkolta u konsegwentement it-talba attrici qed tigi michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------